KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 29 – L-ERBGĦA 17 TA' FRAR 2021**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**29.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

29.1.1 Ma kienx hemm.

**29.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

29.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (28) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

29.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 29.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

29.3.1 Ma kienx hemm.

Is-Sindku talab biex issir sospensjoni tar-regolamenti biex jiġu diskussi l-items fuq l-agenda 29.9, 29.10, u 29.11. dwar il-finanzi li għaliha kien preżenti l-*Accountant* tal-Kunsill. *Nem con*.

## 29.4 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QFR OTT-DIĊ 2020

29.4.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta r-Rapport Finanzjarju għall-aħħar tliet xhur tas-sena. Il-Quarterly Financial Report kien ikopri bejn Jannar u Diċembru li kien jinkludi Statement of Income and Expenditure, Statement of Financial Position, Cash Flow Statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position & Depreciation of Property, Plant, and Equipment. Ġie konkluż li l-Financial Performance għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2020 irriżulta f'*surplus* ta' Eur19,100.

29.4.2 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

29.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report.

29.4.4 Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju *nem con*.

**(Ara dok. E)**

## 29.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-UNAUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2020

29.5.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant biex jispjega fid-dettal l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-sena 2020.

29.5.2 L-Accountant tal-Kunsill qal li prattikament se jkun qed jerġa jippreżenta l-istess figuri li ngħataw fil-Quarterly Financial

Report però f'dan ir-rapport hemm il-*comparative* bejn is-sena 2019 u s-sena 2020.

L-istqarrijiet finanzjarji jinkludu Statement of Financial Position, Statement of Comprehensive Income, Statement of Changes in Equity, Statement of Cash Flows & Notes to the Financial Statements li jinkludi Depreciation of Property, Plant & Equipment, Funds received from central Government, Income raised from Local Enforcement System, Interest Income, General Income, Personal Emoluments, Operations & Maintenance, Administrative and other Expenses, Contingent Liabilities, Capital Commitments, Related Parties Disclosures, Risk Management objectives and policies, Credit Risk, Liquidity risk, Risk management objectives and policies, Interest rate risk, summary of the financial assets and liabilities by category, Current Assets, Current Liabilities, Capital Risk Management, Fair value estimation, & Events after the statement of financial position date.

29.5.3 L-Accountant ikkonkluda li meta tħares lejn detailed income u detailed expenditure, u tinnota l-figura fit-taqsima Current Assets u l-Current Liabilities, wieħed jista jikkonferma li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill għadha waħda tajba kif anke jidher fil-*Financial Situation indicator* li huwa ta' 37%. Irrimarka dwar diversi aspetti dwar receivables li l-Kunsill għandu jiġbor mingħand l-Aġenzija LESA u partikolarment mingħand WasteServ Malta. Irrimarka wkoll dwar *Lease Assets* fejn spjega l-*Accounting treatment* u l-mod kif jinħadem fuq il-perjodu kollu tal-kirja.

29.5.4 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

29.5.5 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji għas-sena 2020.

29.5.6 Il-Kunsill approva l-Istqarrijiet Finanzjarji *nem con*. Ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bid-data tas-17 ta' Frar 2021.

29.5.7 L-istqarrijiet Finanzjarji ser jiġu sottomessi lill-Udituri l-ġodda tal-Gvern, lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

**(Ara dok. F)**

## 29.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI FINANZJARJI 2021

29.6.1 Dan l-item ser jiġi pprezentat f'seduta oħra tal-Kunsill.

## 29.7 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

29.7.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-attività kulturali Festa Fjuri 2021 ma kenitx ser issir f'Mejju li ġej minħabba l-pandemija COVID-19. Għamel riferenza għall-komunikazzjoni li rċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar fondi li kienu ddedikati għal din l-attività. Informa li l-istess Assoċjazzjoni talbet lill-Kunsill li jekk ma kienux ser jintefqu dawn il-fondi, dan ikun ifisser li l-fondi kienu ser jintilfu. Dawn huma fondi ġġenerati mill-multi taċ-ċitazzjonijiet u l-Kunsill kien applika għal skema li kienet ħarġet l-AKL b'fondi li ġejjin mill-Aġenzija LESA.

Imbagħad is-Sindku ħareġ bi proposta oħra biex il-fondi jiġu utilizzati għall-proġett ieħor ta' utilità għal-lokalità li fl-opinjoni tiegħu hija ta' prijorità minħabba difetti fil-wiċċ ta' bankina eżistenti u parti mit-triq fi Triq Ġużè Bonnici. Spjega li l-bankina u parti mit-triq intrefgħet minħabba l-għeruq ta' siġra eżistenti (ficus microcarpa). Żied jgħid li riċentement, il-Kunsill kien irċieva wkoll ilment dwar l-istat tal-bankina u għaldaqstant hija ta' prijorità assoluta li l-Kunsill jieħu din l-opportunità biex il-Kunsill ibiddel l-iskop tal-proġett u l-fondi jiġu utilizzati għal xogħol infrastrutturali.

Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet jekk dan ix-xogħol jistax isir mill-Aġenzija Infrastructure Malta.

Is-Sindku spjega li l-Assoċjazzjoni qed tagħtina din l-opzjoni u mhux ta' min jitlef il-fondi li jammontaw għal Eur7k. Żied jgħid li l-Perit kien ħejja stima tax-xogħol u ġiet tlaħħaq madwar Eur9k però kien maħsub fl-istima pjan ta' kontinġenza u xogħlijiet oħra anċillari.

Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex il-fondi jiġu utilizzati għal dan l-iskop. Il-Kunsill approva *nem con*.

29.7.2 Talba minn resident fl-Iklin fejn qed jitlob lill-Kunsill biex f'Ħadd il-Għid, issir manifestazzjoni bi statwa ta' Kristu Rxoxt *life-size* li ddur mat-toroq tal-Iklin fuq vettura.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li fiċ-ċirkostanzi ta' din il-pandemija, il-Kurja ta' Malta neħħiet il-Festi tal-Ġimgħa Mqaddsa nkluż l-purċissjonijiet. Kompla billi qal li fil-każ tal-Iklin, il-fatt li lanqas il-Parroċċa Familja Mqaddsa ma tiċċelebra festa esterna, din it-talba ma tistax tiġi kkunsidrata l għaliex taqax fil-ġurisdizzjoni tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu ħsieb jikteb formalment lil dan l-applikant biex jinfurmah bid-deċiżjoni.

29.7.3 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar il-każ ta' Triq il-Bruka fejn ċediet parti mit-triq u għamlet danni fi proprjetà privata. Informa li volum ta' terrapien u ħamrija spiċċat fi proprjetà privata u t-talba għad-danni tlaħħaq Eur17k. Informa li l-Kunsill kien irċieva ittra ġudizzjarja fejn qed iżomm responsabbli lill-Aġenzija Infrastructure Malta, l-Awtorità ta' Malta dwar it-Trasport u l-Kunsill Lokali L-Iklin.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien talab parir legali dwar il-każ u saret laqgħa bejn il-partijiet kollha konċernati. Minn din il-laqgħa kien hemm qbil *viva voce* li l-ispejjeż jinqasmu bejn l-Aġenzija Infrastructure Malta, il-Kunsill Lokali L-Iklin u sid din il-proprjetà. L-Awtorità ta' Malta dwar it-Trasport ħarġet minnha għaliex infurmat li bit-twaqqif ta' Aġenzija Infrastructure Malta, it-toroq ma baqgħux taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità lura minn Settembru tas-sena 2018 u għaldaqstant ma kentix qed tassumi r-responsabbiltà tal-każ.

Il-partijiet l-oħra qablu li ladarba saret ħsara fuq proprjetà privata, u grazzi li ma weġġa ħadd, hemm bħal donnu ftehim li jmexxu b'mod amikevoli (out of Court settlement) u jsir kuntratt li jwaqqa l-kawża.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kull parti toħroġ l-ispiża ta' Eur5,671.33c. Informa li l-Aġenzija Infrastructure Malta ser tkun qed taċċetta li toħroġ terz tal-ispejjeż.

Il-Kunsillier Emanuel Zammit saħaq li għandu jsir kuntratt bejn il-partijiet kollha u jiġi ffirmat.

Is-Sindku nforma li fil-leġiżlatura preċedenti, il-Kunsill kien talab lill-Perit biex iħejji stima tax-xogħlijiet għall-asfaltar tat-triq. L-istima kienet tlaħhaq ċirca Eur92K.

Meta l-Kunsill għamel pressjoni mal-Aġenzija u talab lill-istess Aġenzija Infrastructure Malta biex Triq il-Bruka tidħol fil-programm tax-xogħlijiet ta' IM, it-talba tal-Kunsill ġiet aċċettata. L-isfortuna hi li t-triq ma saritx qabel għax dan il-każ kien jiġi evitat.

Ikkonkluda li kieku d-danni li jammontaw għal Eur17k kien ser jerfagħhom waħdu l-Kunsill, il-każ kien jiġi ttrattat differenti.

Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm aktar mistoqsijiet. Ma kienx hemm. Per proċedura, ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jawtorizzaw l-ispiża ta' Eur5,671.33c. Il-Kunsill approva unanimament.

Fuq nota pożittiva, is-Sindku informa li Triq il-Bruka se tkun qed issir matul din is-sena.

29.7.4 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar PC 126/18 'Proposed change in building and road alignment' fejn qal li hemm appell 39/21 li ser jinstema nhar it-18 ta' Frar 2021 *via video conferencing*. Informa li kien ser jattendi għal dan l-appell flimkien mall-Perit u l-Konsulent tal-Kunsill. Is-Sindku Dott. Sciberras fakkar li fl-ewwel istanza, din l-applikazzjoni biex jittieħed spazju pubbliku kienet ġiet riġettata mill-Awtorità tal-Ippjanar.

29.7.5 Is-Sindku Dott. Scibberras irrelata dwar korrispondenza li kien irċieva dan il-Kunsill mill-Kunsill ġarr tagħna ta' Ħal Balzan dwar servizz ta' shuttle Service għall-anzjani li jirrisiedu fil-lokalitajiet ta' Ħal Balzan, Ħal Lija u L-Iklin. Is-Sindku Dott. Sciberras informa li fil-manifest tal-Partit Nazzjonalista, dan is-servizz ta' trasport kien inkluż fil-manifest u ġaladarba qed issir din l-istedina mill-Kunsill ġarr tagħna biex dan is-servizz ta' shuttle Service isir b'mod konġunt, ikun jagħmel sens li jitħaddan il-kunċett tal-*economies of scale*. Żied jgħid li jekk il-Kunsill jaqbel fil-prinċipju, ser tkun qed issir laqgħa mal-Onor. Dott. Michael Farrugia biex niddiskutu miegħu din il-proposta biex dan is-servizz ikun provdut mingħajr ħlas bħal ma qed isir f'lokalitajiet oħra.

Il-Kunsillier Emanuel Zammit jaqbel mija fil-mija ma' din il-proposta però wieħed joqgħod attent f'dan l-istadju tal-pandemija.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li għad iridu jibdew id-diskussjonijiet u ċertament li tali proġett ma jistax jibda minħabba l-miżuri u r-restrizzjonijiet maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika.

Kien konkluż li l-Kunsill jaqbel ma' din il-proposta li s-servizz ta' shuttle Service isir b'mod konġunt bejn il-Kunsilli ġara u f'kollaborazzjoni mall-Ministeru konċernat.

29.7.6 Korrispondenza mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta dwar applikazzjoni għal spazju riservat ta' 1.5 metri quddiem residenza privata fi Triq Ġeronimo Abos minħabba bżonnijiet speċjali. Is-Sindku Dott. Sciberras qal li l-Kunsill għandu joqgħod fuq il-pariri mediċi u ma jsib l-ebda diffikultà li jiġi allokat spazju jekk verament hemm il-bżonn. Peress li kien hemm nuqqas ta' tagħrif, kien għaqli li tintalab aktar informazzjoni biex il-Kunsill ikun jista jgħin.

Il-Kunsillier Godwin Catania saħaq li jekk persuna jkollha bżonn spazju riservat minħabba bżonnijiet speċjali, il-Kunsill mhux ser joġġezzjona però jkun tajjeb li l-Kunsill ikun jaf preċiż bit-talba tal-każ qabel ma ssir ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li l-Kunsill għandu jikseb aktar informazzjoni dwar il-każ u tittieħed konjizzjoni tagħha.

29.7.7 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li fil-jiem li ġejjin se tkun qed titqassam flyer lill-komunità kollha tal-Iklin dwar sistema ġdida tal-online permits u d-distribuzzjoni ta' *surgical masks* lill-familji tal-Iklin.

29.7.8 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li resident fl-Iklin ressaq suġġeriment lill-Kunsill biex bħal ma kien qed jiġi ssuġġerit fil-lokalità ta' Floriana minn ditta ta' Periti, il-Kunsill jipproponi disinn lill-Gvern Ċentrali biex f'B'Kara By-Pass issir *underpass* u l-wiċċ tat-triq jiġi ttrasformat fi ġnien (green space) proġett ta' din ix-xorta li fih ħafna benefiċċji. B'dan ir-riġenerazzjoni, ċertament tkun qed tinjetta ħajja soċjali ġdida

fl-Iklin u B'Kara fejn parti mill-B'Kara By-Pass tiġi trasformata f'ġnien pubbliku.

Il-Kunsillier Emanuel Zammit jaqbel ma' din l-ideja eċċezzjonali u jissekonda s-Sindku li l-Kunsill għandu jressaq dan il-kunċett 'il quddiem permezz ta' disinn lill-Gvern għall-kunsiderazzjoni.

Il-Kunsillier Godwin Catania jappoġġja l-ħsieb li ġie mressaq minn dan ir-resident għaliex proġetti ta' din ix-xorta jagħtu nifs lir-residenti li jmissu mal-By-Pass.

Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li kien ser jitkellem mall-Perit tal-Kunsill biex iħejji disinn għad-diskussjoni qabel ma' nissottomettu t-talba lill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku Dott. Sciberras irringrazzja lir-resident li għadda dan is-suġġeriment u wiegħed li min-naħa tiegħu se jkun qed imexxi 'l quddiem l-ideja lill-Gvern.

## 29.8 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

29.8.1 Ma kienx hemm.

## 29.9 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

29.9.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-12 ta' Jannar 2021 u s-16 ta' Frar 2021 kif jidher fid-dokumenti A u B.

29.9.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 82/21. City spotlight: Iklin. Korrispondenza minn Lovein Malta dwar offerta ta' pakkett ta' pubbliċità dwar il-lokalità.

29.9.3 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras staqsa dwar korrispondenza nru. 109/21. Approvazzjoni għall-implimentazzjoni ta' *collapsible bollards* mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta fi Triq Ġeronimo Abos km Triq il-Klin.

29.9.4 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 191/21. *Patrols in* Iklin. Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Pulizija qed tagħmel xogħol siewi u fl-aħħar laqgħa li kellu ma' Superintendent mill-Għassa ta' B'Kara, ġiet iċċarata l-pożizzjoni dwar l-*issue* ta' parkeġġi quddiem *garages* fejn huwa stipulat li min jipparkja quddiem *garage*, huwa suġġett

għall-kontravenzjoni ta' Eur104 sakemm ma jkollokx il-kunsens ta' sid il-garage.

29.9.5 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 282/21. Komunikazzjoni indirizzata lill-Kunsill Reġjonali Ċentru mill-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta.

Sejħa tal-interess dwar liema Kunsilli jixtiequ jsiru jafu aktar dwar il-proġett 'Kapitali Ewropeja tal-Kultura' 2031.

29.9.6 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 325/21. Kwotazzjoni biex jinbidel sufun tad-drenaġġ fi Triq il-Wied L-Iklin. Makkinarju goff jikkawża ħsara fuq is-sistema u l-medda tad-drenaġġ tal-villa bl-isem 'Villa Franca' fi Triq il-Wied. Fil-preżent għaddejjin diskussjonijiet bejn il-Kunsill, l-Aġenzija Infrastructure Malta, il-Kuntrattur tal-Aġenzija u l-inkwilin in kwistjoni. Il-Kunsill qed jisħaq li għandha tiġi ndirizzata din il-materja qabel mal-istess Kuntrattur jasfalta t-triq. Għaddejja komunikazzjoni bejn il-Kunsill u l-Aġenzija Infrastructure Malta dwar dan is-suġġett.

29.9.7 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar korrispondenza nru. 269/21. Applikazzjoni għal depożitu ta' *tower crane* fi Triq Ġużè Pesci in konnessjoni ma' permess ta' żvilupp. Qed tintalab informazzjoni lill-kuntrattur biex il-Kunsill ikun jaf bil-perjodu taż-żmien, l-immaniġġjar tat-traffiku u dettalji oħra important qabel ma joħroġ il-permess mill-Kunsill.

29.9.8 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 316/21. Appell dwar PC 00126/18. Triq Anton Manoel Caruana L-Iklin. Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien talab lill-Konsulent tal-Kunsill biex ikun preżenti għal waqt is-smiegħ tal-appell. Il-Kunsill ser ikun rappreżentat mis-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsill kien oġġezzjona li dan l-ispazju pubbliku jittieħed għal żvilupp privat.

**COMPLAINTS SHEET (12 ta' Jannar - 16 ta' Frar 2021)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 20 | 15/01/2021 | Bozza maqtugħa mar-residenza nru. 27, Triq Pawlu Grech. | settled | Triq Pawlu Grech | **Contractor** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 21 | 18/01/2021 | Mutur ACP267 ilu hemm u issa maqlub ma' l-art fi Triq Ġ Abos. | settled | Triq Ġeronimo Abos | |
| 22 | 19/01/2021 | Hemm bozza maqtugħa quddiem id-dar 9, Triq il-Ħwawar. | pending | Triq il-Hwawar | **Enemalta** |
| 23 | 19/01/2021 | Fejn kien hemm l-arblu li twaħħlu l-fustuni tal-Milied fi Triq Ġeronimo Abos, wieħed minnhom imlewh bl-injam minflok għalquh b'cover u qiegħed ta' periklu. | pending | Triq Ġeronimo Abos | **COUNCIL** |
| 24 | 22/01/2021 | Hemm id-dawl ta' Triq in-Naxxar u Triq Dun Karm Bypass mhux jixgħel. | settled | Triq in-Naxxar/Triq Dun Karm | **ENEMALTA** |
| 25 | 25/01/2021 | Talba għal (2) *sleeping policeman* u *slow signs* fi Triq il-Għargħur. | pending | Triq il-Għargħur | **COUNCIL** |
| 26 | 25/01/2021 | Triq G E Mercer talba biex jinżabru xi siġar | settled | Triq Ġ E Mercer | **ELC** |
| 27 | 25/01/2021 | Talba biex isir MC (parti minn Parking Bay kbira) quddiem 8 Triq P A Cuschieri | settled | Triq P A Cuschieri | **COUNCIL** |
| 28 | 25/01/2021 | Talba biex jerġgħu jitwaħħlu l-barriers li kien hemm qabel inqalgħet il-bankina fi Triq il-Wied (fil-liwja). | pending | Triq il-Wied | **INFRASTRUCTURE** |
| 29 | 27/01/2021 | Hemm bozza maqtugħa ma' showroom tal-MRCD fi Triq iċ-Ċitru. | pending | Triq iċ-Ċitru | **Contractor** |
| 30 | 02/02/2021 | Residenta minn 18, Triq G.Galea qed tilmenta li meta jixgħel id-dawl ta' barra qed tinqata' s-*salva vita*. | Pending | Triq G.Galea | **Contractor** |
| 31 | 03/02/2021 | Hemm il-bozza fi Triq C.Bugeja mhux tixgħel. | settled | Triq C.Bugeja | **Enemalta** |
| 32 | 03/02/2021 | Hemm il-bozza fi Triq il-Plejju mhux tixgħel. | settled | Triq il-Plejju | **Enemalta** |
| 33 | 03/02/2021 | *Leakage* tal-ilma fil-8 Triq Mons.P.P.Saydon | Pending | Triq Mons.P.P.Saydon | **W.S.C** |
| 34 | 08/02/2021 | Bżonn ta' *patching* fi Triq in-Naxxar. | settled | Triq in-Naxxar | **W.S.C** |
| 35 | 08/02/2021 | Ilment dwar imbarazz fil-parapett ta' Aqua tropic fi Triq il-Mużika. | pending | Triq il-Mużika | **POLICE** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 36 | 09/02/2021 | Hemm il-bozza mall-ħajt 42, Triq C.Bugeja mhux tixgħel. | pending | Triq C.Bugeja | **Contractor** |
| 37 | 11/02/2021 | Wires imdendlin mal-bieb tal-gallarija 30, Triq K Vassallo | pending | Triq Karmenu Vassallo | **GO PLC** |
| 38 | 12/02/2021 | Skart fi Triq il-Klin u Triq San Mikiel | settled | Triq Klin/San Mikiel | **Contractor** |
| 39 | 15/02/2021 | Tappiera tal-GO fi Triq C Busuttil c/w Triq G Galea m'hix f'postha u qed tagħmel ħafna storbju | pending | Triq C Busuttil c/w Triq G Galea | **GO PLC** |
| 40 | 15/02/2021 | Ilment dwar M.C. Bay kbira fi Triq Karmenu Vassallo. | closed | Triq Karmenu Vassallo | **COUNCIL** |
| 41 | 16/02/2021 | Fi Triq Anton Buttigieg qed ikun hemm mini bus kbir ipparkjat u min jinżel mill-ġenb tal-knisja ma' jkunx jista' jara min ikun ġej minn Triq Anton Buttigieg. Talba biex issir *traffic mirror* minħabba nuqqas ta' viżibilità. | pending | Triq Anton Buttigieg | **COUNCIL** |

## 29.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

29.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

29.10.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

29.10.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

## 29.11 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

29.11.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

29.11.2 Applikazzjoni - PA 07524/18 – Aureka 17, 19, Triq Karmenu Vassallo L-Iklin –

'Proposed demolition of existing and construction of semi-basement garages and overlying apartments' - Triq Karmenu Vassallo, L-Iklin 'To carry out alteration on first and second floor and construct 2 additional floors, subdividing existing maisonette into 3 apartments and 1 penthouse'.

**29.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

29.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu 2021 fil-5.30 pm.

29.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu 2021 fil-5.30 pm.

29.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.55 pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |